



Brussell, 21 ta' Mejju 2024
(OR. en, de)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0095(COD)

9266/24
ADD 1

CODEC 1180
COMPET 475
IND 229
MI 444
ENER 205
ENV 462
CONSOM 171

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli, li jemenda d-Direttiva (UE) 2020/1828 u r-Regolament (UE) 2023/1542 u jħassar id-Direttiva 2009/125/KE (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mill-Awstrija

L-Awstrija għadha tara l-ħtieġa għal aktar ċarezza f'xi oqsma tar-regolament propost, iżda tista' taċċetta t-test attwali f' spirtu ta' kompromess. Madankollu, il-punti li ġejjin għandhom jerġgħu jiġu enfasizzati:

L-Awstrija għandha riżervi kbar dwar l-Artikolu 65 (Akkwist pubbliku ekoloġiku). Fid-dawl tal-ġurisprudenza stabbilita tal-QĠUE, li tgħid li l-għażla tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni u l-ponderazzjoni tagħhom għal kull proċedura ta' akkwist hija f'idejn l-awtorità kontraenti rispettiva (ara, pereżempju, il-Kawża C-19/00, *SIAC*; il-paragrafu 36; il-Kawża C-448/01, *EVN and Wienstrom*, il-paragrafu 37), l-Awstrija tippretendi li l-istabbiliment ta' kriterji għall-aġġudikazzjoni vinkolanti b'ponderazzjoni u miri vinkolanti fil-livell nazzjonali jitqiesu mill-Kummissjoni biss bħala l-aħħar għażla meta jiġu adottati atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 65.

Barra minn hekk, fil-fehma tal-Awstrija d-definizzjoni ta' kriterji ekoloġiċi fl-akkwist pubbliku għandha tiġi integrata f'approċċ koerenti u orizzontali li huwa inkorporat fid-direttivi dwar l-akkwist.

L-Awstrija hija wkoll favur li jiġi żgurat li r-rekwiżiti għall-passaporti diġitali tal-prodotti jitfasslu b'tali mod li jillimitaw il-piż fuq in-negozji għal livell fattibbli u li ssir evalwazzjoni fil-ħin tal-impatt tal-passaport diġitali tal-prodotti f'termini tal-piż amministrattiv addizzjonali tiegħu u l-kostijiet assoċjati, b'mod partikolari għall-SMEs.